# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Imhallef
## Onor. Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.

Appell Numru : 149/2002

Il-Pulizija

Vs

Saviour Cachia

Illum il-Hamis 11 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Saviour Cachia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) F'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Lulju, 1999 u t-tnax il-xahar ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 1999 u t-2 ta' Lulju, 1999 forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Gunju, 2002, li biha wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kap 9 iddikjarat lill-imputat Saviour Cachia hati skond l-akkuzi a tenur tar-regolament 4 u 8 tal-G.N. 292/39 u l-Artikolu 22 (2)(B)(I)(ii) tal-Kap 101 u ikkundannatu komplessivament ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ghoxrin (20) xahar u multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM300) pagabbli appena l-imputat jkun skonta l-piena karcerarja.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' Gunju, 2002 li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza kontra tieghu billi fil-waqt li zzomm ferm l-kundanna ta' htija tieghu tvarja l-piena billi tnehhija jew tirriducija.

Rat illi l-aggravju principali tal-appellant huwa limitat ghall-piena inflitta mill-ewwel Qorti u ingabu ragunijiet ghaliex din il-piena ghandha tinbidel jew tigi ridotta.

Rat il-verbal redatt mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2002, li bih eccepixxa in-nullita' tal-appell stante li intalbet ir-revoka tas-sentenza appellata minnflok ir-riforma tal-istess , kif kellu jsir ladarba l-appellant ma kienx qed jinterponi appell mid-dikjarazzjoni ta' htija imma biss mill-piena.

Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt u dwar il-piena bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari tal-Prosekuzzjoni ;

Ikkunsidrat ;

Li dwar l-eccezzjoni preliminari hu minnu li ghalkemm l-appell jidher li hu limitat ghall-piena inflitta mill-ewwel Qorti , fl-ahhar paragrafu tar-rikors tal-appell intalbet ir-revoka u t-thassir tas-sentenza minnflok ir-riforma taghha . Pero' hu minnu ukoll li gie mitlub li din il-Qorti "fil-waqt li izzomm ferma l-kundanna tal-htija tieghu tvarja il-piena billi tnehhiha jew tirruduciha " Illi in vista ta' din l-ahhar klawsola l-abbli difensur tal-appellant qed jissottometti li r-rikors tal-appell ma ghandux jigi konsidrat null .

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li "gie dejjem ritenut minn din il-Qorti , meta it-talba kellha tkun dik tar-riforma jew varjazzjoni tas-sentenza izda minnflok tintalab ir-revoka , dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors ikun null." (App. Krim. Pul. vs. Mario Camilleri -3.12.2001). Illi dan l-insenjament gie segwit fis-sentenza ta' din il-Qorti kif illum preseduta fl-Appell Kriminali "Pul. vs. Mario Camilleri - 21.3.2002) .

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet funditus f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Galea ( 30.6.1995 ) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-

> "minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-
>
> (a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" - (The Police vs. John Hill , Criminal Appeal, 23/9/1972)
>
> (b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil , fil-prassi ta' din il-Qorti,

dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti) . In fatti ,anki jekk jintalab biss it-thassir , din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill- appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament bhall-piena inflitta fuq l-appellant . Mill-banda l-ohra , jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null. " (Pul.vs. Anthony Zammit , 1.10.60, Vol. XLIV , iv. p.940; Pul. vs. Richard Vincenti Kind , App. Krim. 16.9.72; Pul. vs. Carmelo Agius , App. Krim. 14.10.1972).

Illi f'dak il-kaz il-Qorti tal-Appell , wara li enuncjat dawn il-principji regolaturi ikkonkludiet li l-Qorti riedet tara jekk it-talba tal-appellant kienetx redatta b'mod u bi kliem cari bizzejjed li, minghajr hafna tigbid tal-immaginazzjoini jew kontorsjonijiet intellettwali ohra, l-Qorti tkun tista' tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellant qed jitlob jew li l-ewwel sentenza tigi imhassra jew li tigi mibdula . U peress li kien jidher car li f'dak il-kaz dak li kien qed jitlob l-appellant kien it-thassir tas-sentenza u SUBORDINATAMENT (emfasi ta' din il-Qorti ) it-tibdil taghha kwantu ghall-piena, il-Qorti kienet irrespingiet l-eccezzjoni tan-nullita' sollevata mill-Avukat Generali.

Illi pero' sfortunatament dan mhux il-kaz odjern ghax it-talba ghar-riforma (li proprjament ma saritx "in so many words" ghax intalab biss testwalment : "li din l-Onorabbli Qorti joghogobha thassar u tirrevoka s-sentenza ...billi fil-waqt li zzomm ferma il-kundanna ta' htija tieghu tvarja l-piena billi tnehhiha u tirriduciha" ) anki jekk tiftiehem bhala wahda tali, ma gietx subordinata ghat-talba li fil-fatt saret bi kliem car fl-ahhar paragrafu tar-rikors u cioe' ghat-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi lanqas taht dan l-aspett ma tista' din il-Qorti issalva il-validita' u effikacja tar-rikors odjern u hija kostretta - fid-dawl tal-gurisprudenza stretta u kostanti fuq citata u fid-dawl tal-gurisprudenza kopjuza ulterjuri li tezisti fir-rigward - li tiddikjara l-appell ta' Saviour Cachia irritu u null u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
11.07.02.